# Għeluq il-Ħamsin Sena mit-Tberik tal-

# Knisja Parrokkjali

# 50 1952 - 2002

*Artiklu ta' Duncan Brincat*

Eżattament fis-7 ta' Settembru ta' din is-sena, il-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara se tiċċelebra l-anniversarju ta' ħamsin sena mit-tberik u mill-ftuħ uffiċċjali tagħha. Dan l-avveniment huwa wieħed importanti għall-Kalkara u l-poplu Kalkariż, u għalhekk f'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn l-avvenimenti li wasslu biex tinbena din il-Knisja majestuża, u xi dettalji dwar il-bini tagħha u l-proġett fih innifsu.

Il-Kalkara saret Parroċċa indipendenti fl-10 ta' Diċembru 1897 u kienet waħda mill-ftit irħula li l-bini tal-Knisja Parrokkjali kien beda u tlesta qabel din id-dikjarazzjoni. Il-ħsieb li tinbena knisja mdaqqsa fil-Kalkara sar realtà meta fl-1884 in-neguzjant Fortunato Gulia rregala biċċa art fi Triq ir-Rnella, permezz ta' rikors fil-Kurja ta' Malta. Sabiex il-Knisja li tinbena tkun akbar fid-daqs, inxtrat biċċa art oħra mill-Kapitlu ta' Bormla, u fit-13 ta' Settembru 1884, l-Isqof Mons. Carmelo Conte Scicluna approva l-kumitat li kellu jieħu ħsieb dan il-proġett. Iżda l-kordinament tal-proġett kollu kien fdat f'idejn Dun Ġużepp Azzopardi li ħadem b'żelu kbir sabiex dan il-proġett jitlesta mill-aktar fis.

Għalkemm l-ewwel ġebla tqiegħdet fit-22 ta' Ġunju 1890, il-Knisja tlestiet fl-1896, u fl-istess sena bdiet tiġi arredata b'dak kollu meħtieġ. Dun Ġużepp sab bosta problemi ma wiċċu, fosthom il-ġbir ta' fondi meħtieġa peress li dak iż-żmien il-faqar tal-poplu kien wieħed li jinħass tassew.

Il-popolazzjoni tal-Kalkara kienet kbira biżżejjed sabiex fl-1897 din tiġi ddikkjarata Parroċċa awtonoma bil-matriċi tkun din tal-Birgu. Matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, il-poplu Kalkariż għaraf juża l-Knisja tiegħu bl-aħjar mod possibbli, u anki saru bosta opri artistiċi li wħud minnhom għadna ngawduhom fil-Knisja Parrokkjali preżenti sal-llum. Iżda r-rotta kellha tinbidel.



***Lemin:** Il-Knisja proviżorja li kienet tinsab fejn illum jinsab iċ-Ċentru Parrokkjali, mgħarrqa bl-ilma tax-xita. Dan il-fatt kompla jħeġġeġ sabiex il-Kalkariżi jkollhom Knisja Parrokkjali ġdida mill-aktra fis.* (Mill-Arkivju tas-Soċjeta')

Kien eżattament sittin sena ilu, nhar l-10 t'April 1942, meta l-bombi tal-għadu mill-ajru qerdu għal kollox il-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara. Kienet it-Tieni Gwerra Dinjija, u barra li l-poplu Kalkariż bata' minn kull aspett fiżiku u uman, dan l-istess poplu spiċċa biex jara l-Knisja tiegħu, il-Knisja li tant ħabb u ħadem għaliha, meqruda għal kollox! Mhux hekk biss, imma f'din il-Knisja ntilfu bosta opri, fosthom il-vara titulari ta' San Ġużepp. Ġew salvati biss il-pitturi tal-Knisja li kienu ttieħdu Għawdex għand Mons. Gonzi u xi affarijiet oħra bħall-ġilandra li kienu merfugħha ġo alkova fil-blat.

Issa ma kien hemm l-ebda alternattiva, u għalhekk bdiet tintuża l-Kappella ċkejkna tas-S.S. Salvatur għal-liturġija. Nistgħu ngħidu li l-poplu tal-Kalkara kien mifni u b'qalbu maqtgħuha għal kollox.

Iżda fis-16 t'April 1943, Dun Carmelo Xuereb ġie maħtur bħala t-tielet Kappillan tal-Parroċċa tal-Kalkara. Huwa ħa l-pussess tal-parrokat tiegħu fil-21 ta' Novembru 1943 ġewwa l-Kappella tas-Salvatur. Mons. Xuereb jirrakonta li meta beda l-ħidma tiegħu fil-Kalkara, din kienet imħarbta kemm b'mod materjali, kif ukoll b'mod spiritwali. Il-Kappella tas-Salvatur bil-kemm kienet tesa' mitt ruħ, u għalhekk in-nies kien ikollha titrekken fejn tista' ħalli tieħu sehem fil-Quddiesa. Mons. Xuereb jirrakonta wkoll li ltaqa' ma bosta żgħażagħ li lanqas l-Att tal-Indiema ma kienu jafu jgħidu. Dan minħabba l-fatt li Mons. Eleazzaro Balzan, li kien il-Kappillan preċedenti, kien ilu naqra marid mhux ħażin, u l-uniku qassis li kien jieħu ħsieb il-Parroċċa kien Dun Ugo Gambin. Għalkemm dawn iż-żewġ saċerdoti ħabrieka kienu jaħdmu ħafna fil-binja spiritwali tal-komunità, il-qerda tal-Knisja Parrokkjali u anki l-waqgħa taċ-Ċentru tal-Azzjoni Kattolika, għamluha ħafna aktar diffiċli biex tkun tista' ssir il-ħidma pastorali fil-Kalkara. Ma' dan tajjeb li wieħed iżid ir-*raids* kontinwi li kienu jħarbtu l-attività kollha b'mod speċjali fil-Kalkara.



***Fuq:*** *Is-salib u l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida mqiegħda għall-okkażjoni tat-tberik tagħha. Tidher ukoll immaġni ta' San Ġużepp imwaħħla ma' dan is-salib.* *(Ħajr: Sur Ivan Cauchi)*

Fil-pussess ta' Mons. Carmelo Xuereb bħala Kappillan kien ħa sehem Mons. Isqof Emmanuele Galea, u bħala sedja kellu jintuża siġġu tal-morda mill-isptar ta' Bighi, u bħala fonti tal-Magħmudija skutella kbira li wkoll kienet tintuża mill-morda. Dun Gambin kien għadda lil Mons. Xuereb is-somma ta' 6s8d bħala bilanċ tal-Parroċċa, u b'dik is-somma ċkejkna ried jagħti bidu għall-ħidma ferm diffiċli tiegħu.

Madanakollu, Mons. Xuereb ma qatax qalbu. Deher fiċ-ċar li l-poplu tal-Kalkara kien poplu mimli volontà u kien lest li jagħti bidu għall-ħidma sabiex tinbena knisja ġdida u tissaħħaħ il-komunità Parrokkjali.

L-ewwel ħidma kienet it-trasferiment tal-Knisja mill-Kappella tas-Salvatur għall-imħażen li l-*Malta Gas Works* kellhom fix-xatt tal-Kalkara. Dan kien post ikbar u aktar ċentrali. Dawn l-istess imħażen kienu ntlaqtgħu mill-ħidma tal-għadu fil-



***Xellug:*** *Il-karozza ta' Mons. Arċisqof Gonzi miġbuda mill-Kalkariżi fl-okkażjoni tat-tberik tal-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida fl-1946.* *(Ħajr: Sur Tony Terribile)*



**Lemin:** *Il-pedamenti tal-Knisja l-ġdida hekk kif kienet tlestiet l-ewwel fażi ta' dan il-proġett ambizzjuż.*
*(Ħajr: Sur Ivan Cauchi)*

gwerra, u għalhekk kellu jsirilhom xi restawr. Din il-Knisja temporanja bdiet tintuża mid-19 ta' Marzu 1944, f'jum ta' xita qawwija. Dakinhar saret purċissjoni sagramentali mill-Kappella tas-Salvatur li tmexxiet mill-Patrijiet Kappuċċini. Ħa sehem ukoll Mons. Gonzi u s-seminaristi kollha. F'dan il-post sar ħafna ġid spiritwali għax reġgħet ingħatat bidu l-formazzjoni spiritwali u għaqdiet bħalma huma l-Azzjoni Kattolika. Madanakollu, mumenti koroh seħħew ukoll fil-Knisja temporanja, bħal ngħidu aħna meta dan l-istess post għereq bil-maltempata ta' xita li kienet għamlet.

Dan kompla jħeġġeġ biex tinbena Knisja akbar u f'post aktar ċentrali. Kien hemm bosta opinjonijiet ta' fejn kellha tinbena din il-Knisja. Mons. Gonzi xtaq li din terġa' titla' fejn kienet, iżda bosta kienu tal-fehma li din għandha titla' fil-qalba tax-Xatt tal-Kalkara. Din l-aħħar opinjoni kienet dik rebbieħa, u għalhekk Mons. Gonzi stess xtara biċċa art magħrufa bħala "tal-Għeżieli" u rregalaha sabiex fuqha tinbena din il-Knisja.

Il-pjanta saret mill-Kavallier Vincenzo Bonello, bl-għajnuna tal-inġinier Ġużè Damato. L-istil tagħha kellu jkun wieħed neo-klassiku, b'forma ta' salib latin. Kien jinkludi wkoll koppla u aktar qabel kien sar il-ħsieb li jinbena wkoll kampar. Madanakollu, din l-idea qatt ma seħħet u għalkemm kienu saru bosta pjanti, qatt ma ttieħdet id-deċiżjoni li jinbena dan il-kampnar.

Nhar il-Ħadd 13 t'Ottubru 1946, Mons. Isqof Mikiel Gonzi bierek solennement l-ewwel ġebla ta' din il-Knisja. L-entużjażmu tal-Kalkariżi kien kbir bil-bosta, u hekk kif l-Isqof wasal ħdejn il-mina li tagħti għall-Kalkara, għadd ta' parruċċani ġibdu l-karozza tiegħu permezz ta' żewġ ħbula, wieħed abjad u ieħor isfar. Fejn kellha titla' l-Knisja, fuq l-ewwel ġebla tqiegħed salib u miegħu santa ta' San Ġużepp. Wara t-tberik ta' din il-ġebla, tkanta l-*Veni Creator* u sar diskors tal-okkażjoni. Fost dawk preżenti kien hemm il-President Sir George Borg u Lady Borg, Commodore Orr-Ewing, is-Supretendent tat-Tarzna, u Dr. Lewis Galea li kien *Attorney General*.

Ix-xogħol fuq din il-Knisja dam sejjer kważi sitt snin, ammont żgħir ta' żmien meta tqis il-kobor ta' dan il-proġett. Hekk kif ingħata l-bidu, bosta kienu dawk il-Kalkariżi li taw sehmhom, stinkaw u ħadmu b'mod volontarju sabiex il-Knisja titlesta' fl-iqsar żmien possibbli.

Kulħadd kien jagħti sehmu, anki t-tfal li kienu jġorru materjal tal-bini bil-karretta u anki jkissru ġebel tal-qawwi biex isir żrar u jintuża fil-konkrit. Il-kuntrattur għal din il-Knisja kien Mons. Xuereb stess li, bl-



**Lemin:** *Il-bidu tal-ħidma fuq il-kursija u l-kolonnati tal-Knisja l-ġdida.*
*(Ħajr: Sur Ivan Cauchi)*



***Lemin:*** *Mons. Arċisqof Gonzi flimkien mal-Kappillan Dun Carmelo Xuereb (illum Vigarju Ġenerali Emeritus) jispezjonaw ix-xogħlijiet fil-Knisja l-ġdida.*
*(Ħajr: Sur Ivan Cauchi)*

***Isfel:*** *Waqt il-bini tan-navi tal-kursija u l-kor tal-Knisja Parrokkjali.*
*(Ħajr: Sur Ivan Cauchi)*



għajnuna ta' missieru kien jieħu ħsieb jordna l-ġebel u l-materjal kollu li kien meħtieġ għal din il-biċċa xogħol. Kienu biss ħamsa l-ħaddiema li kienu mpjegati f'dan il-proġett, fosthom wieħed Għawdxi ta' 23 sena li tilef ħajtu traġikament waqt il-kostruzzjoni tal-kursija.

Ix-xogħol beda miexi b'ritmu mgħaġġel ħafna. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, l-entużjażmu fil-Kalkariżi beda dejjem jiżdied. Ġie mqabbad Giovanni Sammut minn Birkirkara sabiex issir l-iskultura tal-kapitelli tal-kolonni. Diversi Kalkariżi għenu wkoll f'dan ir-rigward sabiex jittaffew l-ispejjeż kbar li kien hemm. L-iskulutra ta' dawn il-kapitelli fuq stil Korint hija meqjusa bħala wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' skultura fil-ġebla fil-gżejjer Maltin.

Sadanittant, fit-13 ta' Marzu 1949, waslet ġewwa l-Kalkara l-istatwa titulari l-ġdida ta' San Ġużepp. Din iħadmet minn Ferdinando Stuflesser ġewwa Ortisei f'Bolzano, l-Italja. Il-wasla tal-vara titulari mliet lill-Kalkariżi b'fiduċja ġdida, speċjalment meta din tqegħdet viċin il-Knisja l-ġdida li kiet għoddha ntemmet.



***Xellug:*** *Il-bini tal-Knisja fil-fażi finali meta kien qed jinbena t-tambur tal-koppla.*
*(Ħajr: Sur Ivan Cauchi)*



*Xellug:* *Mons. Arċisqof Gonzi jbierek il-ħitan ta' barra tal-Knisja.*
*(Ħajr: Sur Tony Terribile)*

Ix-xogħol kien mexa ġmielu, u issa kien għad fadal biss l-aħħar irqaqat. Il-koppla kienet tlestiet sat-tambur tagħha, sabiex aktar tard fis-snin sittin, din tkompliet u tlestiet f'sitt xhur biss. Issa kien wasal iż-żmien li l-Knisja tinfetaħ uffiċċjalment, u tibda tintuża mill-Kalkariżi.

Nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru 1952, l-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek solennement din il-Knisja. Huwa ġie milqugħ minn Mons. Ghigo, Mons. Muscat, u mill-Kappillan tal-Parroċċa. L-Arċisqof bierek il-faċċata u l-ħitan ta' barra, u wara li daħal fil-Knisja, berikha minn ġewwa. Aktar tard, l-istess Mons. Gonzi qaddes għall-ewwel darba fiha, fost l-attendenza qawwija ta' bosta Kalkariżi, li sa fl-aħħar ix-xewqa tagħhom kienet inqatgħet.

**PROGRAMM - TIFKIRA**

**F'GHELUQ IL-25 SENA MIT-TBERIK U L-FTUH**

**TAL-KNISJA PARROKKJALI TAL-KALKARA**

**IDDEDIKATA LIL**

**SAN GUZEPP**

Mit-3 sa' l-10 ta' Lulju 1977



L-Arċisqof Gonzi jqaddes għall-ewwel darba fil-knisja l-ġdida.

*Lemin:* *Programm/Tifkira maħruġ mill-Parroċċa fl-1977 fl-okkażjoni tal-festi li kienu saru f'għeluq il-25 sena mit-tberik tal-Knisja.*
*(Ħajr: Sur John Ridewood)*

Dakinhar stess, ftit wara din il-quddiesa, tqaddset quddiesa oħra speċjali. Din kienet l-ewwel quddiesa solenni tal-mibki Dun Salv Mallia li minħabba x-xewqa ta' Mons. Gonzi qaddes fil-Knisja l-ġdida. Dun Salv kellu jistenna sas-7 ta' Settembru biex iqaddes, u mhux bħal sħabu l-qassisin novelli li qaddsu ftit wara li ġew ordnati fit-3 t'Awissu 1952.

It-tempju Kalkariż huwa xiedha tal-kulutra nisranija li dejjem kienet il-qofol tar-raħal tal-Kalkara. Maż-żmien din il-Knisja dejjem baqgħet tistagħna b'opri mprezzabbli li dejjem għanwha b'dak kollu meħtieġ biex tkun Knisja li tolqtok, Knisja ġawhra f'qalb il-Kalkariżi.

Ħajr imur għall-bosta Kappillani li mexxew din il-Parroċċa b'għaqal kbir, li ħallewlna opri sbieħ fiha. Ħajr ukoll lill-Kalkariżi kollha li taw sehmhom matul iż-żmien sabiex nistgħu niftaħru li għandna waħda mill-isbaħ Knejjes ta' Malta.

### Referenzi

"Programm-Tifkira, f'għeluq il-25 sena mit-tberik u l-ftuħ tal-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara ddedikata lil San Ġużepp", Uffiċċju Parrokkjali, Lulju 1977

"L-iżvilupp Storiku tal-Parroċċa tal-Kalkara", Wirja Patrimonju Sagru, Grupp Ħbieb tat-Tempju, Jannar 2000.